MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2008

Numru 274/2006

Il- Pulizija
(Spettur Jesmond J. Borg)

-vs-

Maria Victoria Bartolo
Nazzareno Bartolo

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l- imsemmija Maria Victoria Bartolo ta’ 49 sena, bint Lawrence u Catherine nee` Cauchi, imwielda Qormi fl- 10 ta’ Settembru, 1956 u residenti f’ ‘Casa Madonnina’, Triq L. Mifsud Tommasi, Haz Zebbug, detentrici tal- karta ta’ l- identita` bin- numru: 622156M.

U

Nazzareno Bartolo ta’ 48 sena, iben Nicola u Grace nee` Gatt, imwieled Haz Zebbug fis- 6 ta’ Mejju, 1957 u joqghod ‘Casa Madonnina’, Triq L. Mifsud Tommasi, Haz Zebbug, detentur tal- karta ta’ l- identita` bin- numru: 338357M.

Akkuzati talli:

Fit- 8 ta’ Ottubru, 2005, ghal- habta ta’ xid- 21.00hrs gewwa s- Siggiewi:

1. Ikkagunaw greihi ta’ natura gravu fuq il-persuna ta’ Maria Bartolo kif ukoll griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Consiglia Aquilina.
2. F’l-istess gurnata hin lok u cirkustanzi hebbew ghal-Maria Bartolo u Consiglia Aquilina sabiex jingurjawhom, idejquhom jew jaghmlulhom hsara;
3. Heddew lil Maria Bartolo u Consiglia Aquilina bi flixkun;
4. Volontarjament kisru l- bon ordni u l- paci pubblika b’ ghajjat u glied;

Il- Qorti giet mitluba sabiex f’ kaz ta’ kundanna tapplika l-provedimenti tal- Art. 383 tal- Kap. 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kawza tigi hekk trattata.

Rat l-artikoli 214, 216, 339(1)(d)(e),(dd), u 388(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-fedina penali ta’ l-imputati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi f'l-udjenza mizmuma minn din l-Qorti fil-21 ta'Jannar 2008 l-partijiet kollha qablu li l-feriti sofferti minn Maria Bartolo u Consiglia Aquilina kienu ta' natura hafifa.

Illi f'dik l-istess udjenza l-*parte leza* rrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali kull fejn din kienet rinunzjabbli. Konsegwentement l-ewwel tlett imputazzjonijet gew rinunzjati.

Illi r-raba imputazzjoni u cioe dik ta' ksur tal-buon ordni u paci pubblika tirrizulta mill-provi prodotti.

Ghal dawn il-motivi, fil-waqt li tiddikjara l-procediment ezawriet fir-rigward ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni stante r-rinunzja tal-*parte leza*, u wara li rat l-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati hatja tar-raba imputazzjoni u taghha tikkundannahom ghal canfira u twiddiba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------